# Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

# Onor. Miriam Hayman LL.D.

# Imhallef

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni nru 1567/2020MH**

**Fl-ismijiet** :

**Maddalena Adamini fil-kapacita taghha bhala l-unika eredi universali ta' Giorgio Mario Cepollina**

**Vs**

**Schooner Finance Limited, Bluemoon Associates LLC, Konfida Consulting SA, Marco Domenico Romano u Lucrezia Piaggio**

**Illum 16 ta' Dicembru, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat 9 ta' Novembru għal ħrug ta' manadat ta' inibizzjoni għar-ragunijiet hemm premessi.

Rat id-digriet tagħha fejn intlaqgħet it-talba b'mod provisorju.[1]

Rat ir-risposti opositorji ta' Lucrezia Piaggio[2] ukoll ta' Schooner Finance Ltd. [3]

Ikkonsidrat

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tagħmel ampja referenza għal-provediment fl-ismijiet **Dr Jacqueline Mallia noe vs Vodafone Malta Limited tal-1 t'Ottubru 2020** li jagħti stampa ċara ta' dak li huma ir-rekwisiti u l-elementi li jwasslu għas-suċċess ta' din talba:-

*"Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni:*

*(1) ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ periculum in mora;*

*(2) iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.*

[1] Folio 13
[2] Folio 44
[3] Folio 46

*Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoé telf ta' qligħ jew flus.* Di fatti, skont l-insenjament *mogħti fid*-digriet *finali fl*-ismijiet **Francis Barbara et vs. Carmelo Barbara et**:

*"... huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."*

*Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat bħal dan jekk ma tkunx sodisfatta li l-imsemmi mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoé dannu irrimedjabbli li jinneċessita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl*-ismijiet Angelo Xuereb et noe vs. Marin Hili et noe tispjega:

*"... il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-*Art. 873(1) *tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis*-sens *li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil*-mori *tal-kawża jew li l*-alternattiva *hija sproporzjonata ...".*

*(3) ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il*-prova *tal*-jedd prima facie, *il-*Qorti tal-Appell, *fid-deċiżjoni tagħha fl*-ismijiet **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfré** *sostniet is-segwenti:*

*"... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess flazzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.*

*Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan huwa konformi maċċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop huwa li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hijiex tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

*Mal-imsemmija tliet elementi esplicitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:*

*(4) il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fid-deċiżjoni fl-*ismijiet **Charles Mugliett vs. Saviour Bonnici***: "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-*Mandat*, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, blgħemil li minnu qiegħed jibża' r-*rikorrent*, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li listess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel (arm twisting) lill-*parti *intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-*parti *rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-*mod, *il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-*parti *rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-*parti *intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-*Qorti *hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."*

*(6) ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-*Mandat *huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-*talba *għall-ħruġ tal-*Mandat*."*

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali jerga jiġi sottolineat li l-indaġini li tispetta lill-Qorti fi proċeduri kawtelatorji bħal dawk tal-lum hija limitata għal waħda *prima facie,* u ċioe' dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn. Mhijiex għalhekk fil-kompetenza ta' din il-Qorti li tidħol f'materji u kwistjonijiet bejn il-partijiet li huma relatati mal-mertu tal-vertenza bejniethom għaliex tali eżami jappartjeni lill-Qorti li quddiemha tiġi ntavolata l-kawża appożita dwar id-dritt sostantiv pretiż.

Ikkonsidrat ulterjorment

Illi esposti s-senjament ġurisprudenzjali, il-Qorti tibda biex tgħid illi bl-ebda mod assolut ma hi se tagħmel ebda eżami *in funditus* la tat-vertenza prinċipali u lanqas tad-difiza mressqa għalija. Għalhekk apparti għal fatt lil Qorti MHUX se tivvaluta l-vertenza rikorrenti fil-fond daqstant mhux se tkun hi li tiddeċidi minn mil-intimati mixlija għandu jirrispondi għal-istess xilja, mingħandu interess ġuridiku, minn hu l-legittmu kontradittur. Dawn huma eżamijiet li jimmeritaw skrutinju fil-fond kif issir fi proċediment mressaq b'rikors ġuramentat wara lil qorti tkun eżaminat b'reqqa l-provi mressqa u mismugħa għal dan il-għan. Dawn huma proċeduri ta' natura spedita' u sommarja, li ma jippermettux eżami oltre dak ta' prima facie, mad-daqqa t'għajn. Dan il-livell japlika kemm għal dak prodott mir-rikorrenti u ribatut mill-intimati. Kieku l-Qorti timxi mod ieħor, kif ġieli tkun mistiedna li tagħmel, tkun qegħda literalment hi stess tippreġudika il-proċeduri nnifishom bil-konsegwenzi kollha li dan iġib miegħu, ġia u bizzejjed li tiddeċidi punt fuq provi anke mhux maħlufa u fil-maggor parti mhux kompleti.

Huwa miżmum li l-ewwel li trid tara l-Qorti lir-rikorrenti għandu jedd, jedd li jidher mad-daqqa t'għajn , li jinħtieg il-protezzjoni ta' mandat kawtrelatorju. Dan

il-jedd irid ikun tali li jkun il-bażi tal-kawża li għandha ssegwi. Għalhekk dan il-jedd irid ikun tali li huwa xprunat minn dritt sostantiv, dejjem mad-daqqa t'għajn, f'ambitu ta' proċeduri nostrali u li jista' jwassal għal-possibilta' tass-suċċċess tal-mertu tal-kawza, l'hekk ukoll imsejjaħ *smoke of a good right:- fumus boni iuris.* Dan jittraduċi fil-possibilta' illi l-jedd jeżisti fil-prattika.

Jirriżulta lli r-rikorrenti ressqu kawża a bażi ta' l-artikolu 402 tal-Kap 386. In suċċint jgħidu li hemm somma li tammonta għal miljuni kif indikat fir-rikors promotur, somma mhux maqbula da parti ta' l-intimati li jvantaw somma ferm anqas. Ir-rikorrenti jallegaw illi din is-somma intiża għal fiinanzjament *in parte* ta' sit ġewwa Bukarest, Rumannija, minħabba manuvri li saru u intiżi li jsiru mill-intimati, bħal tneħħija ta' direttur, nomina ta' oħrajn, laqgħat u risoluzzjonijiet, ukoll teħid ta' proċeduri ġudizzjarji, dan kollu kif espost fir-rikors promotur, se jikaguna telf tas-somma n kreditu jekk d-dritt tagħhom ma jiġiex ikkawtelat.

Ma jistax jonqos li l-intimati jagħmlu akkuzi simili kontra r-rikorrenti.

Detto ċioe' l-Qorti tara li mad-daqqa t'għajn hemm jedd li jimerita kawtela dana bla ma tnaqqas dak li jistgħu talvolta jkunu l-pretensjonijiet ta' l-intimati.

Pero din il-Qorti trid tara ukoll illi dana l-mandat huwa ukoll bżonnjuz, meħtieg, għalhekk mhux dettat min kapriċċ jew biża, in kwantu n n-nuqqas tiegħu jġib preġudizzju irriparabbli.

Ċertament jekk bil-manuvri allegati tintilef is-somma pretiża, għalkemm wieħed jista' jargumnta li bħala flus dawn jista' jkunu rekuperabbli, pero fil-verita' fid-dinja ta' kummerċ u finanżi mferxa ma' l-erba' kantunieri tad-dinja li jinvolvu anke possibilment ġurisdizzjonijiet varji, id-drittijiet ta' azzjonisti jistgħu jkunu ferm perikolati jekk mhux mitlufa, ġia bit-trapass taż-żmien.

L-intimati jargumentaw ukoll illi l-ewwel tlett talbiet ġew superati *in tempore* in kwantu jolqtu avvenimenti ġia passati. Ċertament mandat ta' inibizzjoni huwa mezz ta' proċedura eċċezzjonali u strordinarja, pero m'għandux l-effett u ma

jista’ qatt ikollu wieħed retro attiv. Għalhekk l-intimat f’dan ir-rigward għandu ragun.

L-intimat jargumenta ukoll li darba issa l-ewwel tlett darbiet ġew superati, r-raba’ talba ma tistax treġġi in vacuum waħida.

Il-Qorti ma taqbilx ma dan. Fil-fatt il-qari tar-raba’ talba anke għax isemmi speċifikament il-persuni hemm imsemmija hija sewwa sew marbuta ma dak espost fir-rikors promotur u ma tistax tinqara in vacuum miungħajru.

Għalhekk esposti s-suriferit konsiderazzjonijiet, wara li tara li kull element meħtieg huwa sodisfatt tilqa r-raba’ t-talba kif dedotta u tikkonferma l-ħrug tal-mandat ta’ inibizzjoni.

In vista ta’ dak espost kull parti għandha tbaghti l-ispejjez tagħha.

**Onor Miriam Hayman**

**Imhallef**